MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1269/2003

**Montaldo Insurarance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Loreto Dalli u l-istess Loreto Dalli**

**Vs**

**Silvia Abdilla**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju 2003 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm1093.90 (elf u tlieta u disghin lira Maltin u disghin centezmu) in kwantu ghas-somma ta' danni kkagonati fil-vettura ta' l-attur.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
L-atturi jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' elf u tlieta u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm1093.90) dovuti in kwantu ghas-

somma ta’ Lm1042.60 bhala danni kkagonati fil-vettura ta’ l-attur Loreto Dalli, Lm3 prezz ta’ rapport tal-pulizija u Lm48.03 kwantu ghal sebghat (7) ijiem telf ta’ uzu tal-vettura RYL 183, u dan b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fit-22 ta’ Marzu 2003 fi Triq Dingli, Sliema, waqt li l-istess konvenuta kienet qed issuq l-vettura GAO 972 propjieta’ ta’ Giovanni Maria Abdilla li dahlet gol vettura ta’ l-attur Loreto Dalli bin-numru ta’ registrazzjoni RYL 183 misjuqa minn Raylene Dalli, ghal liema incident kienet unikament responsabbli l-konvenuta Silvia Abdilla kawza ta’ imprudenza, negligenza u non-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dawn l-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Dak li qed jitolbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez ghax ghall incident stradali de quo ma kienetx tahti l-eccipjenti. L-eccipjenti kienet wieqfa biex ghadda traffiku li preceda l-vettura RYL 183 izda dil-karozza giet b’velocita’ (kif jirrizulta mill-b/marks u entita’ ta’ hsara kagunata minnha) u bis-self inflicted incapacity li tevita dak li gara. Ghalhekk hi mitluba s-sejha fil-kawza ta’ Raylene Dalli (Lorna Dalli, Triq William Bahar, Gudja) u b’riserva dwar il-hsarat imgarrba mill-vettura Peugeot Nru GAO 972).

Sema’ ix-xhieda u ezamina u d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jirizulta li hemm qbil fuq l-operat tas-sewwieqa involuti, izda mhux fuq il-mekkanika ahharija. Il-vettura tal-attur kienet qed tigi misjuqa f’Dingli Street, Sliema, fil-waqt li dik misjuqa mill-konvenuta harget minn Triq Howard, waqfet fuq l-stop sign biex tesplora t-triq, riedet taqsam Dingli Street biex tmur faccata. Rat vettura niezla, hallietha tghaddi, harget, fil-pront rat ohra u waqfet f’nofs it-triq u l-vettura l-ohra dahhlet fiha. Da parti taghha, is-sewwieqa tal-vettura attrici xehdet li ratha tieqaf fuq l-stop sign, ratha tohrog, marret tevitha izda ma rnexxhiliex. Qalet daqqa

fuq il-lemin u spiccat l-isfel u tahbat go vettura stazzjonata. Dan huwa kkonfermat anke mill-partijiet fl-istess vettura.

Jigi rilevat li triq Dingli tgawdi precedenza fuq triq Howard. Di fatti hemm stop sign biex igieghlu l-istess utenti li jaghti precedenza lil dawk l-utenti li qed jimmanuvraw fl-istess Triq Dingli. Apparti li jieqaw minnufih ghandu jisplora assikurament it-traffiku li jista' jkun qabel ma jisporgji. Aktar u aktar meta flok jinghaqad mat-traffiku li jkun ghaddej jaqsam it-triq biex imur faccata. Dingli Street mhiex triq facli li tinqasam.

Il-fatt li l-konvenuta rat l-ewwel vettura u hallietha tghaddi, izda ma ratx dik attrici, tant li allegatament waqfet fin-nofs, jimmilitaw kontra taghha. Triq Dingli hija triq dritta u wiesgha. Il-kantunieri taghha jaghtu vizwali ottima fit-tul fuq iz-zewg nahat tat-Triq, apparti l-aktar parti dik maghrufa bhala Dingli Circle. Ma jistax jinghad li l-vettura attrici kienet qed tabbuza mill-pozizzjoni taghha. Huwa veru li halliet hmistax (15) –il metru brake mark – pero' dan mhux indikattiv tal-velocita skonsiljata. Anzi stqarret li rat lil konvenuta xi ghoxrin (20) metru qabel ma harget. Di piu', id-daqqiet fil-vettura ripetivi jindikaw li kienet il-vettura tal-konvenuta – hsara fuq quddiem – li tat id-daqqa lil vettura attrici – hsara fil-gemb kollu.

Hekk u hekk allura, il-vettura tal- konvenuta ma kienetx wieqfa fil-mument tal-habta. Li gara huwa li ghalkemm il-konvenuta rat l-ewwel vettura, hija ma ratx dik attrici, halliet taqbez l-ewwel wahda izda mhux dik attrici. Fil-konfront tal-vettura attrici ma jigi pruvat l-ebda nuqqas.

Relattivament ghal quantum tad-danni, dan jammontaw ghal Lm1042.60. Huwa ricenti fil-ligi a Vol 36, 37, 38 u 39. Minnkom huma dovuti Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) mhalssa bhala "access" mill-attur assikurat propjetarju tal-vettura.

Dwar is-survey, dan sar mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta, allura mhux dovut. Dwar il-'loss of use', ghalkemm kien inkiteb fl-avviz ammont ta' Lm48.03 ghal

sebghat ijiem, dan l-ammont ma jirrizultax minn xi prova attrici. In vista li ma sar l-ebda accettazjoni de parti tal-konvenuta dwar il-quantum, dan l-ammont ma jistax jigi akkordat.

Jiddecidi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' Lm1042.60 (elf u tnejn u erbghin lira maltin u sittin centezmu) dovuta in kwantu ghal Lm882.60 (tmien mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sittin centezmu) lis-socjeta' attrici u Lm150 (mija u hamsin lira maltin) lil attur, bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------